Waqt il-Pellegrinaġġ lejn is-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja.

Pellegrinaġġ tar-roti u l-muturi

Numru sabiħ ta' sewwieqa tar-roti u muturi ltaqgħu fil-pjazza tas-Santwarju ta' Pinu biex jieħdu sehem f'pellegrinaġġ tar-roti u muturi lejn is-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja fir-Rabat.

Qabel it-tluq minn Ta' Pinu, l-parteċipanti nġabru għal talba qasira ħdejn it-*truck* li ġarr kopja tal-kwadru nkurunat tal-Madonna tal-Grazzja. It-*truck* mexxa l-pellegrinaġġ li kien akkumpanjat il-ħin kollu bil-kant ta' innijiet marjani.

Jilqa' l-pellegrinaġġ quddiem is-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja kien hemm il-Gwardjan Parti Karm Dimech li bierek il-parteċipanti u tahom tifkira ta' l-okkazjoni.

Patri Karm Dimech, Gwardjan tal-Patrijiet Kapuċċini f'Għawdex, jidher jagħti tifkira lil wieħed mill-parteċipanti tal-pellegrinaġġ, Steve Cassar.

Il-Kor '*Willington School Boys' Choir* waqt il-Kunċert fil-Knisja Bażilika tal-Viżitazzjoni, l-Għarb.

Il-Kor Willington Boys fil-Bażilika tal-Għarb

Il-Kor Willington Boys ta' Londra taw kunċert fil-Knisja Bażilika tal-Viżitazzjoni, l-Għarb.

Il-Kunċert kien organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Għarb, flimkien mal-Kumitat għat-twaqqif tal-Monument Papa Ġwanni Pawlu II, fl-okkażjoni tat-tletin anniversarju mill-elezzjoni tal-ħatra ta' Karol Jozef Wojtyla bħala Papa u fit-tieni anniversarju mill-inawgurazzjoni tal-Monument Nazzjonali f'Għawdex ta' dan is-Serv t'Alla, Ġwanni Pawlu II.

Il-Kor taħt id-direzzjoni ta' Scott Inglis-Kidger u Caitlin Crabtree u Oliver Waterer fuq l-orgni, daqq diversi xogħlijiet, fosthom, *Amazing Grace* ta' Arr. E. Jones; *Standing In The Need of Prayer* ta' Arr. A. *L'Estrange; Oh When The Saints* ta' Arr. P Hunt; *Risen Lord* ta' B. Rose; *And Now Another Day Is Gone* ta' L. Blake; *Panis Angelicus* ta' C. Franck; *Don't Build Your House* ta' K. Lafferty; *Now Thank We All Our God* ta' J. Marsh; *Prevent Us, O Lord* ta' D. Holman, *Et in terra pax minn* Gloria in D ta' A. Vivaldi; *Ave Verum* ta' W.A. Mozart u *Jerusalem* ta' C. H. Parry.

Il-Kor *Willington School Boys' Choir* twaqqaf f'Londra fis-sena 1889.

AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri



Waħda mill-karozzi li kienet għall-wiri, dik ta' John Vella, mir-Rabat, Għawdex.

Wirja ta' karozzi antiki

Il-Kunsill Lokali Xagħra flimkien mal-*Malta Classic Sports Cars Club* organizza wirja ta' karozzi antiki fil-lokalità tax-Xagħra. L-attività bdiet b'karozza wara l-oħra, qishom f'parata, tul it-toroq ewlenin tal-lokalità.

L-attività kompliet fi Pjazza l-Vittorja, fejn il-karozzi, fosthom tnejn ta' dilettanti Għawdxin, tpoġġew għall-wiri. Il-membri tal-kumitat taw tagħrif dwar l-attivitajiet li l-Għaqda torganizza minn żmien għal ieħor, filwaqt li s-sidien tal-vetturi ġew intervistati dwar il-karozzi tagħhom. Il-pubbliku seta' jammira l-kundizzjoni perfetta tal-karozzi mill-qrib.

L-attività spiċċat bi skambju ta' tifkiriet kommemorattivi bejn rappreżentanti tal-Kunsill Lokali Xagħra u l-imsemmija Għaqda. Preżenti kien hemm ukoll is-Sindku Joe Cordina u l-Kunsilliera Kevin Cutajar u Carmen Bajada.

Jidhru wħud mill-karozzi li kienu għall-wiri fil-Pjazza tar-raħal tax-Xagħra

Café VALLETTA
12-14 O'Connell Street Sydney
Ph: (02) 9235 0455 Fx: (02) 9235 0466
www.cafevalletta.com.au
Open Monday to Friday - 6.30am to 4.30pm
Closed on Weekends and Public Holidays
Private functions or parties by arrangement 7 days
Café Valletta's popular Bread and other Maltese Specialities are sold on Saturdays 6.30am – 12.30pm from a stall at
Pendle Hill Meat Market
138 Bungaree Road Pendle Hill
Ph: 0405 495 160